Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VI/44*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 44 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Sitt Terminu), li nżammet nhar it-Tlieta 24 ta' Jannar, 2012 fis-7.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sinjura Renance Vella Aquilina | Kunsilliera |

**1. Talba**

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

**2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti 6-43**

Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**3. Qari u approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Pubblika 2011**

Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Pubblika 2011, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**4. Korrispondenza**

4.01 Memo 123/2011 – Projbizzjoni ta' Tipjip fi Playgrounds jew Ġonna Pubbliċi.
4.02 Memo 124/2011 – Sejħa għall-offerti ta' servizzi ta' Authorised Officers.
4.03 Memo 1/2012 – Seminar dwar Nuqqasijiet li jirriżultaw mill-Verifika tal-Finanzi tal-Gvern Lokali – Dan is-seminar kien miftuħ għas-Segretarji Eżekuttivi u għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv attenda għal dan is-seminar.
4.04 Memo 2/2012 – Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali (Marzu 2012) - Il-Kunsill Lokali ta' L-Għasri m'għandux l-elezzjoni tiegħu din is-sena.
4.05 Memo 3/2012 – Stedina – Il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna jattendu għal-laqgħa mal-Onor. Dr. Chris Said.
4.06 Memo 4/2012 – Linji Gwida Għal Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsilli Lokali.
4.07 Memo 5/2012 – Spezzjonijiet mill-MCAA fuq il-Playgrounds tal-Kunsilli Lokali.
4.08 Memo 6/2012 – Għeluq tas-sena Finanzjarja.

4.09 Transprot Malta approvaw li jsiru sinjali sofor fi Triq Ta’ Għammar.

4.10 Monique Falzon, Project Manager ta’ SOS Malta nfurmat lill-Kunsilli Lokali li l-għaqda tagħha qed taħdem fuq proġett imsejjaħ Same Difference. L-għan ta’ dan il-proġett huwa li permezz ta’ ikel tradizzjonali ta’ pajjiżi differenti ikun hemm aktar komunikazzjoni bejn in-nies li ġejjien minn pajjiżi u kulturi differenti. Dan il-proġett huwa finanzjat mill-European Refugee Fund Annual Programme 2011. Il-Kunsilli li huma nteressati li jospitaw lil SOS Malta fir-raħal tagħhom biex tittella’ din l-attivita għandhom jikkuntattjaw lil Monique Falzon. Il-Kunsill qabel li għandna nikkuntattjawha biex jekk huwa possibbli waħda mill-attivitajiet tittella’ fir-raħal tagħna.

4.11 Guido Zammit mill-ETC informa lill-Kunsill li Spiro Farrugia se tiġġeddidlu l-parteċipazzjoni tiegħu mal-Kunsill taħt l-iskema ta’ xogħol fil-komunita.

**5. Laqgħa mal-Onor. Dr Chris Said, Segretarju Parlamentari**

Nhar il-Ħamis 22 ta’ Diċembru 2011, l-Onor. Dr Chris Said, Segretarju Parlamentari għall-Kunsilli Lokali żar il-Kunsill Lokali L-Għasri. L-Onor. Dr Chris Said ingħata merħba fil-lokalita’ tagħna mis-Sindku u l-Viċi Sindku. Saret ukoll laqgħa li għaliha kienu preżenti wkoll is-Segretarju Eżekuttiv minn naħa tal-Kunsill u s-Sur Robert Tabone minn naħa tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Is-Sindku nforma lill-Onor. Dr Chris Said dwar il-ħidma u x-xogħlijiet li qed iwettaq il-Kunsill għal ġid tal-komunita ta’ L-Għasri. L-Onor. Said staqsa xi proġetti qed jaħdem fuqhom il-Kunsill fil-preżent jew li huma ppjanati għal futur qrib. Is-Sindku nforma lis-Segretarju Parlamentari li l-Kunsill diġa ħareġ offerta sabiex l-aħħar parti ta’ Triq il-Fanal tingħata kisja tarmak iżda l-Kunsill qed jiltaqa’ mal-problema finanzjarja għar-raġuni wkoll li r-rati mitfugħa fl-offerta huma għoljin ħafna. Fil-fatt il-Kunsill għadu ma ddeċiedix dwar din l-offerta. Is-Sindku nfurmah ukoll li l-Kunsill għandu l-ħsieb li japplika taħt l-iskema tal-Public Private Partnership (PPP) biex ikun jista’ jingħata fondi biex dan il-proġett ikun jista’ jseħħ. L-Onor. Dr Chris Said qal li s-Segretarjat Parlamentari jkun jista’ jgħin lill-Kunsill f’dan il-proġett billi jiffinanzja sa ħamsin fil-mija tal-ispejjeż kollha taħt l-iskema PPP. Iżda qabel il-Kunsill għandu jaħdem biex ir-rati tal-offerta jkunu aktar moderati. Is-Sindku qal li l-Kunsill se jiddiskuti mal-kuntrattur dwar l-offerta imsemmija u jekk ma jintlaħaqx ftehim biex ir-rati jkunu aġġustati, il-Kunsill joħroġ sejħa għall-offerti mill-ġdid.

Issemmiet il-problema li l-Kunsill jiltaqa’ magħha dwar il-lampi tat-toroq speċjalment dawk li jaqgħu taħt ir-responsabilta tal-Enemalta. Qed ikun hemm problemi peress li n-numri fuq l-lampi m’għadhomx jidhru u ħafna drabi qed idumu ma jitranġaw il-lampi meta dawn jiġu rapportati. L-Onor. Chris Said informa lis-Sindku u l-Kunsill li fil-futur qrib il-lampi kollha mistennija li jgħaddu f’idejn il-Kunsilli Lokali. Sintendi l-Kunsilli se jingħataw il-fondi biex ikunu jistgħu jagħmlu l-manutenzjoni meħtieġa. L-Onor. Said qal ukoll li l-pjan huwa li anke l-konsum tal-elettriku tal-lampi tat-toroq jibda jitħallas mill-Kunsilli u b’hekk tkun ta’ inċentiv għal kull Kunsill li jinvesti f’lampi ‘energy saving’ u b’hekk il-flus li jiffranka l-Kunsill mill-konsum tal-lampi jibqgħu għand il-Kunsill biex jużahom fi proġetti tiegħu.

Is-Sindku nforma lis-Segretarju Parlamentari dwar applikazzjonijiet li saru għal skemi għall-fondi speċjali maħruġa mid-Dipartiment Għall-Gvern Lokali u anke għall-fondi minn programmi tal-Unjoni Ewropea li l-Kunsill qed jaħdem fuqhom. Fosthom issemmiet l-iskema dwar restawr ta’ postijiet storiċi żgħar fejn il-Kunsill applika biex tiġi restawrata n-niċċa ta’ Triq Salvu Gambin kantuniera ma’ Triq il-Knisja u l-istatwi

li hemm fi Pjazza s-Salvatur. Issemmiet ukoll l-applikazzjoni li għamel il-Kunsill dwar il-Programm Measure 125 fejn il-Kunsill applika biex jirranġa triq fiż-żona mhux urbana. L-Onor. Dr Chris Said inkoraġixxa lill-Kunsill biex ikompli bil-ħidma tiegħu għal ġid tar-raħal u wiegħed li minn naħa tiegħu se jagħti l-għajnuna kollha possibbli.

Wara l-laqgħa l-Onor. Dr Chris Said żar ukoll postijiet fejn saru xogħlijiet bl-għajnuna wkoll ta' finanzjament minn naħa tas-Segretarjat Parlamentari bħal proġett ta' Triq Dun Karm Caruana u Pjazza s-Salvatur.

## 6. Offerta – Resurfacing ta' parti minn Triq il-Fanal

Kif kien ġie diskuss fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, saret laqgħa mal-kuntrattur Road Constructions Co Ltd (li kien l-uniku kuntrattur li tefa' l-offerta). Is-Sindku u l-Perit Angelo Portelli kienu preżenti għal din il-laqgħa minn naħa tal-Kunsill filwaqt li Victor Hili deher f'isem Road Constructions. Is-Sindku qal li huwa nforma lill-kuntrattur li l-Kunsill ma jistax jaċċetta l-offerta b'dawk ir-rati u għalhekk talab lill-kuntrattur biex jirrevedi r-rati. Il-kuntrattur għandu jirrevedi r-rati u jagħti risposta lill-Kunsill.

Il-Perit Portelli nforma lis-Sindku li d-Dipartiment tal-Kuntratti għandu rati dwar dawn ix-xogħlijiet. Fil-fatt aktar tard il-Perit bagħat dan id-dokument bir-rati għal xogħlijiet ta' resurfacing of roads lill-Kunsill. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jagħmel rapport dwar x'differenza hemm bejn ir-rati mitfugħa fl-offerta maħruġa mill-Kunsill u r-rati tad-Dipartiment tal-Kuntratti. Minn dan ir-rapport irriżulta li hemm differenza kbira. Ta' min isemmi wkoll li wħud mill-items fuq it-tender tal-Kunsill kienu differenti u jistgħu jiġu aġġustati biex ikunu bħal tad-Dipartiment tal-Kuntratti u b'hekk ir-rata tkun tista' tonqos ukoll. Per eżempju, l-ħxuna tat-tarmak tal-aħħar kisja, fuq it-tender tal-Kunsill kienet ta' 100mm filwaqt li tad-Dipartiment tal-Kuntratti hija ta' 80mm. Il-Perit informa lis-Sindku li din anke jekk tkun ta' 75mm għandha tkun biżżejjed. Kien hemm items oħra li kellhom differenzi simili u għalhekk żgur li r-rati tat-tender mitfugħa mill-kuntrattur Road Constructions Co Ltd jistgħu jiġu aġġustati.

Il-Kunsill iddiskuta dwar dan kollu u qabel li għandna nistennew lill-kuntrattur sabiex jibgħatilna r-rati u l-items kif aġġustati u wara tkun tista' tittieħed deċiżjoni jekk din l-offerta għandix tkun aċċettata. Il-Kunsill qabel li l-kuntrattur għandu jingħata żmien sa meta ssir il-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

## 7. Financial Statements 2011

Dan id-dokument kien tqassam lill-membri kollha tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta dwar il-Financial Statements 2011. Peress li għadu jrid isir l-awditjar, dawn il-financial statements għad jistgħu jsirulhom xi aġġustamenti. Il-Kunsill approva unanimament il-financial statements kif preżentati. Il-Kunsill approva wkoll il-Quarterly Financial Report (Ottubru – Diċembru 2011)

## 8. Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku u l-Kunsill iddiskutew dwar il-ħidma tas-Segretarju Eżekuttiv (minn Ottubru sa Diċembru 2011) mal-Kunsill Lokali L-Għasri. Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jiġi rakkomandat lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex is-Segretarju Eżekuttiv jingħata l-Performance Bonus sħiħ (10%).

**9. Materja oħra**

9.01 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-bidu tax-xahar ta' Frar huwa ser ikollu jsiefer l-Ingilterra (għal raġunijiet ta' saħħa fil-familja tiegħu) u mistenni li jdum madwar erba' ġimgħat. Il-membri kollha tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv urew is-sapport tagħhom lejn is-Sindku f'dawn il-mumenti diffiċċli għalih u l-familja tiegħu. Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsill tal-appoġġ li wrew lejh. Huwa qal wkoll li meta jkun possibbli ser iżomm kuntatt mas-Segretarju Eżekuttiv permezz tal-emails u anke l-mobile. Il-membri kollha tal-Kunsill qablu li matul dan iż-żmien jekk tinqala xi ħaġa ta' natura urġenti għandu jsir kuntatt bejn il-Viċi Sindku, l-Kunsillieri u s-Segretaju Eżekuttiv biex isir dak li jkun hemm bżonn.

9.02 Il-Viċi Sindku kien ilmenta dwar il-fatt li fl-Uffiċċju tal-Kunsill m'hawnx linja tajba tal-vodafone. Għalhekk kienet intbagħtet email lil Vodafone (Malta) sabiex jaraw kif jistgħu isolvu din il-problema. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ftit tal-jiem ilu Joseph Farrugia (rappreżentant tal-vodafone) ġie l-Kunsill biex jivverifika dwar dan. Joseph Farrugia ppropona li jiġu nstallati repeaters in-naħa ta' quddiem tal-Kunsill, waħda f'kull sular u b'hekk din il-problema tkun solvuta. Il-Kunsill qabel li dawn ir-repeaters jistgħu isiru sakemm ma jkunux ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem.

9.03 Alfred Attard talab lill-Kunsill biex tinbena filata fuq l-egħlieqi fi Triq Wied l-Għasri peress li qiegħed perikoluż. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fl-istess inħawi diġa għandna l-ħaddiem Spiro Farrugia (tal-iskema xogħol fil-komunita) li qed jagħmel dan ix-xogħol u għalhekk ippropona li jkompli tiela' 'l fuq biex b'hekk jiġi evitat kull periklu. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

9.04 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-kuntratt tal-ġbir ta' skart peress li din kienet tagħlaq fl-aħħar ta' Diċembru 2011. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru diskussjonijiet mal-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz u L-Għarb sabiex tinħareġ sejħa għall-offerti waħda u li tkun tkopri t-tlett irħula. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandna nġeddu l-kuntratt li għandna preżentament ma' KIP Għawdex Ltd sakemm isir il-proċess tas-sejħa u l-għażla tal-offerta l-ġdida.

**10. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 6-44 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar it-Tlieta 28 ta' Frar, 2012 fis-7.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-8.30p.m.

Andrew Vella
Sindku

Ruben Cassar
Segretarju Eżekuttiv